**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1446/2023 MS*

1. **Armando Chircop**
2. **Anna Chircop**
3. **Jack Chircop Limited**

**Vs.**

1. **Sheyzell Caruana**
2. **Claudette Caruana**

Illum, 24 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mill-atturi fl-20 ta' Diċembru 2023 li bih wara li ppremettew kif ġej:

Illi l-esponent Armando Chircop, li huwa mizzewweg lill-esponenti Anna Chircop, ivversa s-somma globali ta' mija u tlieta u sebghin elf, mitejn u hdax-il Euro u erba u tmenin centenzmu (€173,211.84) lill-konvenuti;

Illi l-imsemmija flejjes gew versati lill-konvenuti mill-attur Armando Chircop, li huwa ragel imdahhal fiz-zmien, in segwitu ta' qerq gravi mwettaq mill-istess konvenuti jew min minnhom, meta holqu *messa in scena* elaborata li huma kellhom vettura klassika, Mercedes Benz 380, li huma ma' kellhomx assi biex jirrestawrha u li ghalhekk l-attur kellu jivversa l-ispejjez kollha ghar-restawr tal-vettura, bil-kundizzjoni li wara ir-restawr huma kienu ser jittrasferixxu lill-attur l-istess vettura Mercedes-Benz 380 Saloon klassika rari b'*collector's value* gholi hafna u li huma kienu f'kuntatt mas-socjeta` Mercedes Benz fil-Germanja biex dawn tal-ahhar jixtru din il-vettura biex tigi ezebita fil-muzew taghhom. Ovvjament il-flus tal-bejgh kellhom jinqasam bejn l-attur u l-konvenuti;

Illi dak imwieghed qatt ma mmaterjalizza u meta gew riskontrati suspetti, gie skopert li l-vicenda ma kienet xejn ghajr *messa in scena* qarrieqa perpetrata mill-konvenuti sabiex jigi frodat l-attur Armando Chircop, liema vicenda, sfortunatament, halliet rizultati pozittivi ghall-konvenuti;

Illi l-imsemmija somma giet somministrata lill-konvenuti permezz ta' diversi cekkijiet mahruga kontra kontijiet tal-attur Armando Chircop, li huwa mizzewweg, u s-socjeta` kummercjali Jack Chircop Limited (vide l-prospett anness bhala "Dok A");

Illi wara li sar maghruf li din kienet biss *messa in scena*, u meta Sheyzell Caruana gie affacjat b'dawn il-provi, fit-13 ta' Settembru 2023, il-konvenut Sheyzell Caruana ghamel pagament ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) akkont tal-ammont totali dovut u b'hekk ukoll irrikonoxxa illi huwa debitur tal-atturi. B'hekk ukoll, is-sorte totali dovuta giet ridotta ghas-somma ta' mija u tmienja u hamsin elf, mitejn u hdax-il Euro u erba u tmenin centezmu (€158,211.84), liema somma qed tigi reklamata permezz tal-instanti proceduri;

Illi minn meta giet skoperta l-*messa in scena* u gew konfrontati, il-konvenuti dejjem taw l-indikazzjoni illi huma kienu ser ihallsu lura l-ammonti versati lilhom izda llum jidher li ghandhom problemi ta' likwidità ghax l-ebda pagament ulterjuri ghal dak appena msemmi ma thallas lura lill-esponenti u ghalhekk kellhom isiru l-instanti proceduri ghall-kanonizzazzjoni tad-debitu;

Illi dan id-debitu hu cert likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x' jaghtu ghall-hlas tieghu u f' dan is-sens qed jigi anness affidavit tal-esponent Armando Chircop ("Dok B").

l-istess atturi talbu lil din il-Qorti:

> ...previa kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja u opportuna u previa d-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Art 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (i) tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-esponenti fis-somma ta' mija u tmienja u hamsin elf, mitejn u hdax-il Euro u erba u tmenin centezmu (€158,211.84) u konsegwentament, (ii) tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-esponenti s-somma ta' mija u tmienja u hamsin elf, mitejn u hdax-il Euro u erba u tmenin centezmu (€158,211.84) b'mod immedjat.
>
> Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ippreżentati kontestwalment ma dawn il-proceduri, kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni (jekk ikun il-kaz).

2. Rat id-dokumenti u d-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża mal-istess rikors ġuramentat;

3. Rat id-diversi differimenti mogħtija bil-għan li l-kontendenti jittranżiġu l-kawża, bla preġudizzju għall-proċedura sommarja speċjali;

4. Rat li t-tranżazzjoni ma seħħitx, u l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex issir it-trattazzjoni dwar il-proċedura sommarja speċjali;

5. Rat li l-konvenuti, imsejħin diversi drabi, ma dehrux;

6. Rat illi skont l-artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-kontumaċja tal-konvenuti il-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih it-talbiet tal-attriċi.

7. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

   (i) tiddikjara li se tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 u tal-artikoli sussegwenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' mija u tmienja u ħamsin elf, mitejn u ħdax-il Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€158,211.84);

(iii) tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u ħamsin elf, mitejn u ħdax-il Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€158,211.84);

(iv) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha kif mitlub.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur